MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 176/2005

**Colin Borg ID No 178285(M)**

**Vs**

**Martin Cilia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erbat elef mitejn u tnejn u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4252.50) ghal flus moghtija lill-konvenut fuq bejgh ta’ vettura Mazda RX7, li rrizulta li ma kienetx fuq ismu u li allura ma setghet qatt tinbiegh u/jew tigi trasferita, kif ser jigi ulterjorment muri matul il-kawza.

Wara li rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 8 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-6 ta' Gunju 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm4252.50,0 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta’ April 2005 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------